



KOMUNIKAZZJONI TA' INFORMAZZJONI DWAR IL- PROTEZZJONI TAD-DATA PERSONALI

Kull persuna għandha dritt għall-protezzjoni tad-data personali.

L-ipproċessar tad-data personali mill-istituzzjonijiet, korpi u organi tal-Unjoni huwa rregolat mir-Regolament 2018/1725 (ĠU 2018, L 295, p. 39).

Din il-komunikazzjoni tispjega għaliex u kif id-data tiegħek tintuża fil-kuntest tal-ipproċessar inkwistjoni.

FORMOLA TA' KUNTATT TAS-SIT CURIA

Min huwa l-kontrollur tad-data?

Il-kontrollur tad-data huwa l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Għalfejn għandna bżonn id-data tiegħek?

Fil-kuntest tal-komunikazzjoni tagħha mal-pubbliku, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea stabbiliet formola ta' kuntatt li tippermetti lill-pubbliku jikkuntattja d-dipartimenti tagħha.

It-tweġibiet jiġu pprovduti minn dak id-dipartiment tal-Istituzzjoni li jkun jista' jwieġeb bl-aħjar mod fid-dawl tas-suġġett tal-mistoqsija.

Min għandu aċċess għad-data tiegħek?

Id-data tiegħek hija pproċessata biss mid-dipartimenti tal-Istituzzjoni.

Għal kemm tinżamm id-data tiegħek?

Il-messaġġi jinżammu għal perijodu ta' 5 snin sabiex tiġi ggarantita l-koerenza tat-tweġibiet mogħtija u sabiex tkun tista' tingħata risposta għal mistoqsijiet sussegwenti.

Liema huma d-drittijiet tiegħek?

Konformement mar-regoli applikabbli fil-qasam tal-protezzjoni tad-data personali, għandek dritt titlob aċċess għad-data tiegħek kif ukoll, skont il-każ, għar-rettifika tagħha, għat-tneħħija tagħha, jew għad-dritt li titlob restrizzjoni ta' pproċessar.



Barra minn hekk, tista' tikkontesta l-ipproċessar għal raġunijiet imperattivi marbuta mas-sitwazzjoni partikolari tiegħek.

Kif tista' teżerċita d-drittijiet tiegħek fil-qasam tal-protezzjoni tad-data? Lil min għandek tikkuntattja?

Tista' tikkuntattja lid-dipartiment li jkun ittratta l-mistoqsija oriġinali tiegħek kif ġej:

- billi tuża l-formola ta' kuntatt tas-sit Curia, billi tagħżel mil-lista l-istess suġġett bħal dak li tkun għażilt għall-mistoqsija oriġinali tiegħek;
jew
- billi twieġeb għall-messaġġ li rċevejt bi tweġiba għall-mistoqsija oriġinali tiegħek.

Aħna nwieġbu t-talba tiegħek fil-kuntest tal-eżerċizzju tad-drittijiet tiegħek fil-qasam tal-protezzjoni tad-data tiegħek mill-iktar fis possibbli u, bħala prinċipju, f'terminu ta' xahar. Skont il-bżonn, dan it-terminu jista' jiġi estiż.

Tista' wkoll tikkuntattja lill-Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Data tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea: DataProtectionOfficer@curia.europa.eu

Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Għandek dritt tressaq ilment quddiem il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data jekk tqis li l-ipproċessar tad-data personali li tikkonċernak ma jkunx konformi mar-Regolament 2018/1725.